Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B **REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1332/2011**

tas-16 ta' Diċembru 2011

li jistabbilixxi r-rekwiżiti komuni dwar l-użu tal-ispazju tal-ajru u l-proċeduri operattivi għall-evitar ta' kolliżjonijiet fl-ajru

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 336, 20.12.2011, p. 20)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/583 tal-15 ta' April 2016	L 101	7	16.4.2016

▼B

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1332/2011

tas-16 ta' Diċembru 2011

li jistabbilixxi r-rekwiżiti komuni dwar l-użu tal-ispazju tal-ajru u l-proċeduri operattivi għall-evitar ta' kolliżjonijiet fl-ajru

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-rekwiżiti komuni għall-użu tal-ispazju tal-ajru u l-proċeduri operattivi għall-evitar ta' kolliżjonijiet fl-ajru li għandhom jiġu ssodisfati minn:

(a) l-operaturi tal-inġenji tal-ajru msemmija skont l-Artikolu 4(1)(b) u (c) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008 li jagħmlu titjiriet lejn l-Unjoni, fl-Unjoni jew mill-Unjoni, u

(b) l-operaturi tal-inġenji tal-ajru msemmija skont l-Artikolu 4(1)(d) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008 li jagħmlu titjiriet fl-ispazju tal-ajru 'l fuq mit-territorju li għalih japplika t-Trattat kif ukoll fi kwalunkwe spazju tal-ajru ieħor fejn l-Istati Membri japplikaw ir-Regolament (KE) Nru 551/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "sistema għall-evitar ta' kolliżjonijiet fl-ajru (ACAS)" tfisser sistema tal-inġenji tal-ajru bbażata fuq sinjali ta' transponder għar-radar ta' sorveljanza sekondarju (SSR) li topera indipendentament mit-tagħmir ibbażat fl-art biex tipprovdi l-pariri lill-pilota dwar inġenji tal-ajru li potenzjalment jista' jkollhom kunflitt u li jkunu mgħammra bit-transponders tal-SSR;

(2) "sistema II għall-evitar ta' kolliżjonijiet fl-ajru (ACAS II)" tfisser sistema għall-evitar ta' kolliżjonijiet fl-ajru li flimkien mal-konsultazzjonijiet tat-traffiku tipprovdi l-konsultazzjonijiet ta' riżoluzzjoni vertikali;

(3) "indikazzjoni ta' konsultazzjonijiet ta' riżoluzzjoni (RA)" tfisser indikazzjoni mogħtija lill-ekwipaġġ tat-titjira b'suġġeriment ta' manuvrar bl-intenzjoni li tipprovdi separazzjoni mit-theddid kollu jew restrizzjoni ta' manuvrar bl-intenzjoni li żżomm separazzjoni eżistenti.

(4) "indikazzjoni ta' konsultazzjonijiet tat-traffiku (TA)" tfisser indikazzjoni mogħtija lill-ekwipaġġ tat-titjira li l-viċinanza ta' inġenju tal-ajru ieħor hija theddida potenzjali.

Artikolu 3

Sistema għall-Evitar ta' Kolliżjonijiet fl-Ajru (ACAS)

1. L-ajruplani msemmija fit-Taqsima I tal-Anness għal dan ir-Regolament għandhom ikunu mgħammra u operati skont ir-regoli u l-proċeduri kif speċifikat fl-Anness.

([1]) ĠU L 96, 31.3.2004, p. 20.

▼B

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operazzjoni tal-ajruplani msemmija fl-Artikolu 1(2)(a) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008 tikkonforma mar-regoli u l-proċeduri speċifikati fl-Anness skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak l-Artikolu.

▼M1

▼B

Artikolu 5

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

▼M1

2. L-Artikolu 3 japplika mill-1 ta' Marzu 2012.

3. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 2, fil-każ ta' inġenju tal-ajru b'ċertifikat individwali tal-ajrunavigabbilità maħruġ qabel l-1 ta' Marzu 2012, l-Artikolu 3 għandu japplika mill-1 ta' Diċembru 2015.

▼B

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼**M1**

ANNESS

Sistemi għall-evitar ta' kolliżjonijiet fl-ajru (ACAS) II

(Parti-ACAS)

AUR.ACAS.1005 Rekwiżit tal-prestazzjoni

(1) L-ajruplani bil-magna mħaddma bit-turbini li ġejjin għandhom ikunu mgħammra bil-verżjoni 7.1 tas-sistema għall-evitar ta' kolliżjonijiet tal-ACAS II:

(a) ajruplani b'massa tat-tlugħ iċċertifikata massima li taqbeż 5 700 kg;

(b) ajruplani awtorizzati biex iġorru iktar minn 19-il passiġġier.

(2) L-inġenji tal-ajru mhux imsemmija fil-punt (1) li huma mgħammra bl-ACAS II fuq bażi volontarja għandu jkollhom il-verżjoni 7.1 tas-sistema għall-evitar ta' kolliżjonijiet.

(3) Il-punt (1) ma għandux japplika għal sistemi ta' inġenji tal-ajru mingħajr ekwipaġġ.

AUR.ACAS.1010 Taħriġ tal-ACAS II

L-operaturi għandhom jistabbilixxu l-proċeduri operattivi u l-programm tat-taħriġ tal-ACAS II biex l-ekwipaġġ tat-titjira jkun imħarreġ b'mod xieraq fl-evitar ta' kolliżjonijiet u jsir kompetenti fl-użu tat-tagħmir tal-ACAS II.